MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Numru. 1334/2011

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Ivan Camilleri, iben Carmelo, imwieled Pieta' fit-23 ta' Ġunju, 1975, karta ta' l-identita numru 298375(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta' April, 2011 għal ħabta tas-1.30 a.m. ġewwa Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan ikkometta serq ta' wallet li kien jikkontjeni €809, credit cards u dokumenti minn ġewwa vettura Volkswagen Caravelle, bin-numru tar-reġistrazzjoni LLY 222, għad-dannu ta' Alfred Camilleri u/jew persuna/i oħra liema serq hu aggravate bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-

ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru, 2012 fejn il-partijiet qablu li l-ammont misruq hu ta’ €650.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €650 danni lil Alfred Camilleri fi żmien sitt xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri u lanqas ma hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------